MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 378/2014

**Doreen DEBONO [K.I. Nru. 15575M]**

**Vs**

**Antonella VELLA [K.I. Nru. 423885M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-9 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf seba' mija erbgha u sittin euro u tlettax-il ċenteżmi ta' euro [€1,764.13c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-attrici qed titlob lil dana l-Onorabbli Tribunal sabiex il-konvenuta tiġi kkundannata thallas is-somma ta' elf, seba' mija, erbgha u sittin euro u tlettax-il ċenteżmu (€1764.13) rappreżentanti somma oriġinarjament dovuta lill-kumpanija GO p.l.c. ghal servizz ta' laptop mudell Lenovo S10 inkluz wireless service software Bandluxe C270

uzat esklussivament minnek, liema somma tikkonsisti f'valur ta' kuntratt li jiswa elf, mija u disa' Ewro u disgha u sebghin ċenteżmi (€1,109.79) kif ukoll kontijiet pendenti li jammontaw ghal tliet mija, disgha u ghoxrin Ewro u erbgha u tletin ċenteżmi (€329.34), kif ukoll spejjes legali fis-somma ta' tliet mija, hamsa u ghoxrin Ewro (€325).

Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-30 ta' Gunju, 2014.

Ra li fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2014 fuq mistoqsija tat-Trbunal, l-intimata iddikjarat bil-gurament taghha li hija ma użat u ma hadet l-ebda Laptop minghand ir-rikorrenti.

Ra li t-Tribunal halla l-kawza ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-seduta tal-lum.

Ra li l-Avukat Dottor Joseph Ellis ghar-rikorrenti ddikjara li hija ma kienx ghad fadlilha provi u talab li t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza illum stess tenut kont ta' dak li jipprovdu l-artikoli 9 (2)(a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. It-Tribunal laqa din it-talba.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti;

Ra li l-intimata baqghet ma dehritx ghas-seduta tal-lum u wara li d-difensur tar-rikorrenti ddikjara li r-rikorrenti ma kienx ghad fadlilha provi xi tressaq huwa talab lit-Tribunal sabiex a tenur ta' l-artikoli 9 (2)(a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 jghaddi ghas-sentenza liema talba t-Tribunal laqa.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elf, seba' mija, erbgha u sittin euro u tlettax-il ċenteżmu (€1764.13) rappreżentanti somma oriġinarjament dovuta lill-kumpanija GO p.l.c. ghal servizz ta' laptop mudell Lenovo S10 inkluz wireless service software Bandluxe C270 uzat esklussivament mill-intimata, liema somma tikkonsisti f'valur ta' kuntratt li jiswa elf, mija u disa' Ewro u disgha u sebghin ċenteżmi (€1,109.79) kif ukoll kontijiet pendenti li jammontaw ghal tliet mija, disgha u ghoxrin Ewro u erbgha u tletin ċenteżmi (€329.34), kif ukoll spejjes legali fis-somma ta' tliet mija, hamsa u ghoxrin Ewro (€325).

2. L-intimata fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2014 stqarret bil-gurament taghha li hija ma użat u ma hadet l-ebda laptop minghand ir-rikorrenti.

Ikkunsidra;

3. Ir-rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat minnha mis-socjeta rikorrenti ta' elf seba' mija erbgha u sittin euro u tlettax-il ċenteżmi ta' euro [€1,764.13c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata. Ir-rikorrenti qalet li l-intimata kienet talbitha sabiex tiffirma l-kuntratt mas-socjeta GO p.l.c., esebit fl-atti ta' dawn il-proceduri, peress li l-intimat kellha problemi sabiex tiffirma l-kuntratt fuq isimha personalment. Ir-rikorrenti hekk ghamlet u wara li ffirmat il-kuntratt u inghata il-laptop, hija ghaddietu lill-intimata. L-intimata, skond ma xehdet ir-rikorrenti, kienet qaltilha li hija kienet ser tibda thallas il-kontijiet li kienet ser tibda tirċievi r-rikorrenti ghal dan il-kuntratt li hija ffirmat. Gara li

dan ma ghamlitux u r-rikorrenti bdiet tirċievi l-kontijiet u sahansitra mandat ta' sekwestru minghand is-socjeta Mobisle Communications Limited, kopja ta' liema gie esebit f'dawn il-proceduri. Meta bdiet tara dan l-inkwiet kollhu gej fid-direzzjoni taghha, r-rikorrenti kienet kitbet lill-intimata permezz ta' l-avukat taghha u talbitha sabiex thallas l-ammont ta' €1,764.13c (ara dok. DD 5). L-intimata baqghet ma ghamlitux dan u r-rikorrenti kellha tipproċedi b'din it-talba sabiex tirreklama dan il-hlas.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimata baqghet ma dehritx ghas-seduta tal-lum u baqghet ma resqet l-ebda prova ghajr id-dikjarazzjoni ġuramentata taghha moghtija fis-17 ta’ Settembru, 2014 u cioe li hija ma użat u qatt ma hadet l-ebda laptop minghand ir-rikorrenti. It-Tribunal jiddikjara bl-aktar mod kategoriku li huwa ma jemminx din id-dikjarazzjoni moghtija mill-intimata, anke in vista ta’ dak li inghad mir-rikorrenti llum stess fid-deposizzjoni taghha.

8. Ghalhekk jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elf seba’ mija erbgha u sittin euro u tlettax-il ċenteżmi ta’ euro [€1,764.13c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata ta’ din it-Talba u cioe mid-19 ta’ Gunju, 2014 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------